# Dropshipping



Id-dropshipping beda jsir aktar popolari dan l-aħħar snin hekk kif ħafna nies bdew jagħmlu aktar użu tal-internet biex jagħmlu x-xiri tagħhom



minn
**Roderick Aquilina**
Kordinatur ECC Malta

L-Unjoni Ewropea matul dawn l-aħħar għaxar snin ħadmet biex il-konsumaturi jkollhom id-drittijiet kollha neċessarji fejn jidħol xiri online. Minkejja li l-konsumaturi Ewropej huma fost l-aktar protetti, in-Netwerk taċ-Ċentri Ewropew għall-konsumatur innutaw li qed ikun hemm diversi problemi relatati ma' 'dropshipping' li għalkemm mhux xi prattika ġdida qed tiżdied iktar fil-popolarità, speċjalment ma' dawk li jixtiequ jiftħu negozju online mingħajr ħafna spejjeż.

Id-differenza ewlenija bejn bejjiegħ online u bejjiegħ li jopera permezz tad-'dropshipping' hija, li filwaqt li l-bejjiegħ online ikollu l-prodotti maħżuna, fid-'dropshipping' il-ħanut online ma jkollux 'stock' tal-prodotti. Dan ifisser li fil-każ ta' 'dropshipping', l-ordnijiet li jirċievi jgħaddihom direttament lill-fornituri barranin. Wara li tiġi proċessata l-ordni, il-fornitur barrani jkun il-persuna li jibgħat il-prodott direttament lill-konsumatur.

Il-kunċett tad-'dropshipping' beda jsir aktar popolari dan l-aħħar snin speċjalment minn żmien il-pandemija tal-COVID-19 hekk kif ħafna nies bdew jagħmlu aktar użu tal-internet biex jagħmlu x-xiri tagħhom. Ix-xiri onlajn joffri diversi vantaġġi lill-konsumaturi, fosthom li tiffranka l-iskariġġ li ddur għall-prodotti, kif ukoll tista' ssib firxa wiesa' ta' prodotti u servizzi bi prezzijiet kompetittivi mill-kumdità ta' darek.

M'hemm xejn ħażin jew illegali li wieħed jaħdem permezz tad-'dropshipping', biss wieħed għandu joqgħod aktar attenti minħabba l-fatt li ħafna mill-'iscammers'/frodisti, llum-il ġurnata jużaw din is-sistema ta' bejgħ għad-detriment tal-konsumatur. Dawn il-bejjiegħa ħafna drabi ma jirrispettawx ir-rekwiżiti legali tal-bejgħ mill-bogħod, bħal pereżempju ma jipprovdux id-dettalji fejn wieħed ikun jista' jikkuntattjahom fuq il-websajt tagħhom.

Għalhekk, jekk il-konsumaturi jiltaqgħu ma' problema bil-prodotti li jkunu xtraw, jaf tkun diffiċli biex jiksbu rimedju. Dawn il-bejjiegħa għandhom ukoll it-tendenza li jqarrqu bil-klijenti tagħhom billi ma jipprovdux il-prodotti kif ikunu reklamawh.

### Kif jista' wieħed jagħraf websajt li topera permezz tad-dropshipping?

Qabel ma wieħed jagħżel li jixtri minfuq websajt jew pjattaforma online partikolari għandu jara jekk hemmx informazzjoni dwar il-post tan-negozjant li suppost ikun reġistrat.

Normalment, din l-informazzjoni tkun inkluża mat-termini u kundizzjonijiet tal-websajt konċernata. Ħwienet online li joperaw fl-UE u jbiegħu prodotti għall-konsumaturi huma legalment obbligati li jindikaw l-indirizz tan-negozju fit-termini u kundizzjonijiet ġenerali tagħhom.

Jekk konsumatur ma jsibx id-dettalji kollha tal-kummerċjant fuq il-websajt, dan jindika li l-kummerċjant mhuwiex jimxi mal-liġi u għaldaqstant mhuwiex rakkmandat li jsir xiri mingħand dan il-kummerċjant.

### Modi oħra ta' kif wieħed jista' jidentifika dropshipping websajt:

**Indirizz privat:** jekk l-indirizz fuq il-websajt ikun ta' residenza privata, ħafna drabi wieħed ikun qiegħed jixtri minn fuq websajt li topera permezz tad-'dropshipping'. Jekk ikun hemm xi dubju, wieħed jista' jiċċekkja permezz ta' Google Maps.

**Stampi mhux oriġinali tal-prodott:** siti li joperaw permezz tad-'dropshipping' normalment jużaw stampi meħudin minn websajts oħra. Sabiex wieħed jikkonferma dan, jista' jqabbel l-istampa/i ma' websajts oħra li jbiegħu t-tali prodotti.

**Nuqqas ta' informazzjoni ċara dwar iż-żmien li jieħu l-prodott biex jasal għandek:** Minħabba li ħafna drabi l-fornitur ikun allokat f'pajjiż Asjatiku, jista' jkun li l-ordni li tkun għamilt iddum iktar biex tasal jew li l-prodott ma jkunx iktar disponibbli. Żommu f'moħħkom li l-flus ikunu ttieħdu mill-ewwel.

**Ħafna żbalji fl-ortografija (spellija):** id-deskrizzjoni tal-prodott meta maqluba għall-Ingliż ma tkunx daqstant preċiża.

**Reklami qarrieqa:** Prodotti mibjugħin minn websajts tad-'dropshipping' ġeneralment ikunu reklamati bħala oriġinali, iżda diversi drabi dawn il-prodotti ma jkunux tal-kwalità mistennija, minkejja l-prezz tagħhom jista' jkun għoli. Il-konsumaturi jaf ukoll ikunu mħajra jixtru prodotti minħabba li l-prezz ikun irħas minn websajts oħrajn, iżda mbagħad jispiċċaw jixtru prodotti ta' kwalità inferjuri.

Barra minn hekk, uħud mill-prodotti jiġu reklamati bħala manifatturati fl-Ewropa, iżda fil-verità jkunu ġew manifatturati f'pajjiż ieħor 'il barra mill-UE. Apparti hekk, jista' jkun li jintużaw prattiċi oħra qarrieqa li jħajruk tixtri l-prodott malajr kemm jista' jkun. Dan billi jinfurmak li l-offerta hija waħda limitata, jew li ma baqax ammonti kbar minn dak il-prodott, jew hemm għoxrin konsumatur ieħor qed jaraw l-istess prodott fil-ħin li qed tara l-prodott int.

Dawn il-prattiċi huma kkunsidrati bħala qarrieqa u inġusti, speċjalment minħabba li r-rimedju legali kontra bejjiegħa li jinsabu barra mill-UE jaf ikun limitat.

Bħala konsumaturi għandkom l-istess drittijiet kemm jekk qed tixtru minn ħanut online jew fiżikament mill-ħanut. Dan ifisser li l-kuntratt tax-xiri qed tagħmluh direttament mal-bejjiegħ. Simili jekk qed takkwista oġġett minn websajt li topera permezz tad-'dropshipping', il-kuntratt ikun qed isir bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ li jkun irċieva l-ordni tiegħek mill-websajt. Għalhekk huwa l-bejjiegħ li jkun qed iħaddem il-websajt li għandu l-obbligu li jonora d-drittijiet ta' kanċellament tal-ordni fiż-żmien hekk kif stipulat fil-liġi, kif ukoll dik tal-garanzija legali.

Meta wieħed jixtri online jkollu wkoll id-dritt għal 14-il ġurnata ta' rtirar li matulhom ikun jista' jibdel fehmtu u jirritorna l-prodott li jkun xtara mingħajr il-bżonn li jagħti raġuni għalfejn qed jagħmel dan. Huwa importanti li bħala konsumaturi naraw jekk l-indirizz hux tal-bejjiegħ jew inkella tal-fornitur li jkun qed jissuplixxi l-prodott. Din l-informazzjoni għandha tkun fuq it-termini u kundizzjonijiet u fih għandu jiġi indikat min se jkun qed iħallas biex jirritorna l-prodott.

F'każ li l-websajt tkun qed topera permess ta' 'dropshipping' jaf l-ispiża tal-posta tkun għolja u allura ma jkunx jaqbillek li tirritorna l-prodott lura. Jekk ikun hemm xi problema bil-prodott mixtri, il-konsumaturi għandhom jikkuntattjaw lill-bejjiegħ bil-miktub kemm jista' jkun malajr biex jinfurmawh bl-ilment tagħhom. Jekk jirriżulta li l-bejjiegħ hu frodist, imbagħad il-konsumatur ikun irid jagħmel rapport mal-entità konċernata dwar frodi fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Mill-banda l-oħra, jekk l-ilment ikun kontra bejjiegħ li jinsab f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-Iżlanda, in-Norveġja u r-Renju Unit, il-konsumatur ikun jista' jikkuntattja liċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta għal aktar assistenza billi jċempel fuq 21221901 jew billi jibgħat email fuq ecc.malta@mccaa.org.mt.

### AVVIŻ TAL-QORTI

Skont l-Artikolu 13(5) tal-Kap 354 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, ikun jaf kulħadd illi l-Uffiċjal Revizur ordna l-publikazzjoni ta' dan l-avviż bid-data, ħin u lok tas-smiegħ tar-rikors dwar ir-registrazzjoni ta' votanti registrati fir-Registru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, għall-Kunsilli Lokali u tal-Unjoni Ewropea ppubblikat fil-25 ta' Ottubru 2024, peress li isem il-persuna li l-partikolaritajiet tagħha jidhru hawn taħt tgħammar f'indirizz ieħor.

RIKORS TA' NOEL SCICLUNA (KI 244470M)

VOTANT: DANNY SCICLUNA KARTA TAL-IDENTITA NUMRU 145689M

INDIRIZZ REGISTRAT: 37, TRIQ IL-KBIRA, ĦAŻ-ŻABBAR.

INDIRIZZ FEJN EFFETTIVAMENT JOQGĦOD: 220, EMMRAY, FLAT 2, TRIQ ALESSIO ERARDI, ĦAŻ-ŻABBAR.

DATA: IL-ERBGĦA 11 TA' DIĊEMBRU 2024 FL-12.15p.m., QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

UFFIĊJAL REVISUR: MAGISTRAT:
DR NOEL BARTOLO B.A. M.A. (Fin. Serv.) LL.D.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Novembru 2024

Alexandra Debattista

Għar-Registratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali